**334. Il-Prim Ministru, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, jipproponi:**

Billi b'riżoluzzjoni tas-Seduta Nru 92 tat-13 ta' Lulju 1983, il-Kamra tad-Deputati approvat it-tiġdid tal-għotja ta' bini f'Manoel Island lill-International Maritime Organisation;

U billi l-imsemmija organizzazzjoni talbet li terġa' ġġedded l-istess kirja għal tliet snin oħra mill-11 ta' Diċembru 1985 taħt il-kondizzjonijiet ġia approvati mill-Kamra tad-Deputati;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartiklu (1) ta' artiklu 3 tal-Att ta' 1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-kirja tal-imsemmi bini f'Manoel Island lill-International Maritime Organisation, tista' tiġġedded għal tliet snin mill-11 ta' Diċembru, 1985, skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet gia approvati mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta fuq imsemmija.

31.10.1986